## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 16

**L-Erbgħa, 4 ta' Marzu, 2020**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Stanley Zammit Kunsillier

**ASSENTI**

Is-Sur Carlo Stivala Kunsillier

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 16.01 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

16.01.01 Is-Sur Sindku qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stanley Zammit li ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

16.01.02 Assenti kien hemm il-kunsillier Stivala, li s-Sur Sindku ħassu dispjaċut bin-nuqqas tal-parteċipazzjoni tiegħu. Inġibdet ukoll l-attenzjoni mill-kunsillier (DP) illi waqt l-aħħar seduta datata 24 ta' Frar, il-kunsillier Stivala kien bagħat ittra ta' apoloġija fejn stqarr li kien ser ikun imsiefer, iżda fl-istess ġurnata tella' r-ritratti fuq il-face book meħudin f' Malta.

## 16.02 Approvazzjoni tal-Minuti (Numri 14 u 15)

16.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-Minuti tas-seduti ta' qabel bin-numri (14) u (15). Inġibded l-attenzjoni lill-Aġent, Segretarju Eżekuttiv fuq il-punt meħud vers numru 14.3.6 - li l-estenzjoni għall-binja tal-Kunsill is-somma għandna tlaħaq bejn it-€30,000 u l-€40,000 u mhux kif kien indikat. Punt ieħor kien dak tal-vers numru 14.4.6 - fejn tissemma Triq Nazzarenu. Skont il-kunsillier (AC) din it-Triq ma teżistix ġewwa l-lokal. L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv ser tikkonferma l-isem ta' din it-triq mal-korrispendenza. Il-proponent tal-Minuti numru (14) kienet il-kunsillier (JBD), sekondata mill-kunsillier (SC). Filwaqt li l-Minuti (15), li ma deher l-ebda nuqqas fihom, il-proponent kienet il-kunsillier (DP), sekondata mill-kunsillier (JB).

## 16.03 Skeda ta' pagamenti

16.03.01 L-iskeda ta' pagament bin-numru (Skeda 02/09) li tkopri xiri u pagamenti bejn l- 1 ta' Frar u l-4 ta' Marzu, 2020, ġiet approvata mill-membri kollha preżenti u ffirmata mis-Sindku flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Il-Proponent kien il-kunsillier (AC), sekondat mil-kunsillier (MM).

## 16.04 Komunikazzjoni mis-Sur Sindku

16.04.01 Is-Sur Sindku fuq parir legali mill-avukat tal-Kunsill, approva biss il-ħlas ta' €100.00 marbut mal-Vulcanizer lil sid il-vettura li fil-21 ta' Frar, 2020, fis-6.00pm sofra danni waqt li kien qed isuq minn Triq San Patrizju. Sid il-vettura għandu jiġi informat.

16.04.02 Is-Sur Sindku tkellem ukoll fuq il-laqgħa li kellu mal-avukat tal-Kunsill fir-rigward tal-kumpanija Dimbros fuq xogħlijiet li twettqu fil-Bajja s-Sabiħa. Ġie deċiż li l-perita fi ħdan il-Kunsill għandha tqabel il-BOQ mal-kont u tara eżattament x'inhi d-differenza. Fl-istess mument intqal li l-footpath ma saritx. Is-Sur Sindku insista li għandna nibgħatu għall-kuntrattur fil-preżenza tal-perita, imbagħad nieħdu deċiżjoni. Skont is-Sur Sindku ix-xogħol kien diġà ffirmat mill-ex Sindku, is-Sur Joe Cutajar u s-segretaru, is-Sur Duncan Hall li dak iż-żmien kienu l-firmatarji tal-Kunsill.

16.04.03 Is-Sur Sindku approva u laqa' wkoll it-talba tal-viċi Sindku sabiex il-viċi jattendi għal-laqgħat organizzati mir-Reġjun u l-GAL XLOKK għan-nom tal-Kunsill f'isem is-Sur Sinku.

16.04.04 Is-Sur Sindku, flimkien mal-kunsilliera approva kunċert kulturali Ċiniż li ser jiġi mtella' fil-pjazza ta' quddiem il-knisja, f'Ottubru 2020. L-organizzazzjoni ser tkun assistita mill-kunsillier (SC).

## 16.05 Reviżjoni tad-dekasteri mis-Sur Sindku.

16.05.01 Is-Sur Sindku laqa' t-talba tal-kunsillier (JB) sabiex ma jattendix iżjed hu għal laqgħat tal-Malta Freeport. Għaldaqstant u bi qbiel mal-membri preżenti, is-Sindku laqa' din it-talba u nnomina lil Kunsillier (MM).

16.05.02 Wara l-laqgħat li l-Kunsill kellu ma' The Malta Trust Foundation u wara kummenti li l-Kunsill irċieva fir-rispons min-naħa tal-Kunsill, is-Sur Sindku n-nomina lil kunsilliera (SC) u (DP) sabiex b'effett immedjat jibdew jifformaw parti mill-isteering committee bħala r-rappreżentanti tal-Kunsill. Huwa sostna li dawn huma l-iżgħar kunsilliera fi ħdan il-Kunsill u li jistgħu jifhmu r-rikjesti taż-żgħażagħ. Il-viċi Sindku qabel li jkun hemm żewġt rappreżentanti min-naħa tal-Kunsill. Kemm l-Aġenzija Żgħażagħ, l-MTF u l-Business Committee għandhom żewġt rapprezentanti ukoll kull wieħed.

16.05.03 Relatat mal-punt 16.05.02, il-kunsillier (DP) infurmat lill-Kunsill illi l-Eċċellenza, President Emeritus, tiġi kuġina ta' ommha. Il-Kunsill approva dan il-punt u xorta nnominaha għal din il-pożizzjoni.

## 16.06 Tweġibiet għall-mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

16.06.01 Talba li waslet lill-Kunsill mingħand perit għan-nom ta' persuna li fi snin l-imgħoddija kienet tarma Trampoline fil-Bajja s-Sabiħa. Din it-talba tkopri l-perjodu bejn il- 15 ta' Mejju u 15 ta' Settembru. Pjanti ta' dan il-lok ġew ppreżentati mat-talba. Din it-talba ġiet approvata mill-membri kollha fuq l-istess prinċipji u kondizzjonijiet ta' qabel. Il-kunsillier (MM) saħqet fuq l-importanza li jqiegħed il-kontenut għar-rimi tas-sigaretti ħdejn id-daħla għat-Trampoline.

16.06.02 Il-kunsillier (JBD) talbet lill-Aġent, Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkonferma mal-Ministru tal-Kultura u l-Arti jekk hux beħsiebu jerġa' jsir il-karnival tas-sajf fil-lokal.

16.06.03 Talba mill-Forzi Armati ta' Malta sabiex jittella' kunċert mill-Banda fi ħdan il-Korp, qrib il-Bajja s-Sabiħa. Data proposta hi għall-Ġimgħa, 3 ta' Lulju (bejn 19:30 – 21:00). Din it-talba ġiet milqgħu mill-kunsilliera kollha preżenti, filwaqt li l-kunsillier (SC) ser ikun jassissti f'din l-okażjoni.

16.06.04 L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv talbet lill-kunsilliera preżenti min ser jirrappreżenta l-kunsill sabiex jassissti lil BOOM Consultancy Limited, fir-rigward tal-ismijiet tat-toroq li fihom hemm is-CCTVs u l-ammonti ta' kameras. Il-kunsilliera wieġbu li dan jaqa' taħt id-dekasteru tal-kunsillier (SZ) u li hu għandu jassissti f'dan il-qasam.

16.06.05 L-kunsillier (AC) reġa' ressaq it-talba għal permess ta' gabbana fil-Bajja s-Sabiħa. Il-kunsilliera qablu li dan għandu jsir bi ħlas lejn il-Kunsill. L-applikant irrid jipprovdi pjanta li tindika l-post eżatt fejn ser titqiegħed din il-gabbana. Il-kunsillier (AC) saħaq fuq il-proġett tal-automatic barriers li bil-ħsieb li jsir għal-aċċess għad-daħla ta' din l-area. Il-kunsilliera saħqu li dan l-applikant għandu jagħti kapparra lil Kunsill. Il-kunsillier (AC) kellu jipprovdi lill-Kunsill aktar dettalji fuq din ir-rikjesta.

16.06.06 Talba mil-kunsillier (SZ) fuq communinial blue sticker parking fi Triq it-Tankijiet - kantuniera ma' Triq San Pietru, Triq San Filippu, Triq il-Bieqja u Triq Zaren Dalli. Il-Kunsilliera qablu ma' dawn il-parkeġġi għaliex saħqu li dawn kienu diġà ġew approvati minn seduti ta' qabel. Il-kunsillier (JB) ilmenta fuq dan u saħaq li din it-talba qed titressaq b'abbuż. Dak il-ħin il-kunsillier (JB) iddeċieda li jxollji minn din il-laqgħa fit-tmienja ta' filgħaxija wara nuqqas ta' ftehim. Il-Kunsill iddeċieda li jikonferma li l-ismijiet imsemmija hawn fuq jaqblux mat-talba tas-seduta ta' qabel li kienu ġew approvati.

16.06.07 Il-kunsillier (AC) semma' l-fustum tad-dawl ta' mad-dawra tal-promenad. Dawn kollha għandhom ikunu ta' dawl bajdani. Issemma' wkoll li l-ħaddiem Anġlu jrid jagħmel tliet fustumi oħra ta' 3 volts il-wieħed.

16.06.08 L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv saħqet illi mhux permessibbli li l-Kunsill jisponsorja attivitajiet li jaqgħu taħt ministeri differenti. Il-viċi saħaq illi dan jista' jsir dejjem jekk ikun qed isir b'kolaborazzjoni bejn iż-żewġt naħat. Dan il-punt tqajjem fuq talba għal sponsorship lit-tim tal-futbol ta' taħt it-tnax -il sena.

16.06.09 Il-kunsillier (DP) staqsiet x'inhi l-proċedura meta kunsillier jiltaqa' ma' entitajiet differenti. Il-kunsilliera wieġbu li min jagħmel dan, kulma jkun irid hu li jaġġorna lill-Kunsill bis-suġġett tad-diskussjoni/outcome tal-laqgħat tal-attendenza.

16.06.10 Il-kunsillier (DP) tkellmet fuq l-iskeda finanzjarja ta' €2,600 ddedikata għat-tfal. Hi qed tissuġġerixxi li dawn jintużaw għal: (i) l-importanza tal-qari fit-tfal, (ii) Servizzi ta' Story Telling għat-tfal bil-preżenza ta' ċelebritajiet Maltin, fosthom isemma Trevor Zahra. Il-Kunsillier (JBD) ġibdet l-attenzjoni lil kunsillier (DP) illi fil-Ministeru tal-Edukazzjoni diġà jeżisti programm li jismu Grupp Inwar.

16.06.11 Il-kunsillier (DP) reġgħet qajmet il-punt tal-importanza li ssir wheelchair swing ġewwa l-bandli tal-lokal. L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tassissti f'dan il-każ.

16.06.12 Il-Kunsillier (DP) tkellmet ukoll fuq il-proġett fil-pjazza. Is-Sur Sindku stqarr li hemm medda ta' art li kien żar fil-preżenza tal-perita, però mhux ser tintmisx mill-ebda każin u lanqas bl-ebda mod m'hi ser tkun taffettwa in-nar tal-art.

16.06.13 Il-Kunsillier (DP) qalet ukoll li ser tkun qed talloka is-somma ta' €600.00 għal pageant imtella' miz-ZAK u €600.00 għal Blanzuni. Fil-laqgħa li jmiss mar-Reġjun ser tkun qed titressaq it-talba ta' €600.00 marbuta mal-pageant (ZAK) forsi tiġi approvata u jimborsjaw din it-talba. Il-viċi sindku stqarr li l-attività ta' Blanzuni tista' tkun titqies taħt il-Ministeru tal-Arti u Kultura.

16.06.14 Tressqet it-talba mingħand il-kunsillier (DP) għal żona tal-għawm għall-klieb. Il-post li indikat huwa quddiem il-Kappella ta' San Ġorġ. Talba għal din ir-rikjesta għanda tintbagħat lill-MTA.

16.06.15 Il-kunsillier (DP) ġibded l-attenzjoni li l-parkeġġ għat-trasport tal-iskola fi Triq Zaren Dalli. It-tabella li hemm fil-preżent trid tinbidel għal 3 coaches minflok 1, filwaqt li l-ħin tat-tabella jrid jinqara bejn is-14:00 u t-14:45.

16.06.16 Il-kunsillier (JBD) qajmet il-punt li fil-leġiżlatura ta' qabel kienet għamlet it-talba għal lampa fuq Stage Merżuq, fi Triq il-Fossilli. Hi tixtieq tkun taf x'sar minn din it-talba u fejn wasal il-proċess.

16.06.17 Il-kunsillier (JBD) reġgħet qajment il-punt fuq linji ta' parkeġġ li saru quddiem dar partikulari fi Triq il-Fossilli. Il-kunsillier (AC) għandu jmur jiċċekkja fuq dan il-każ.

16.06.18 Talba mill-kunsillier (JBD) sabiex isir użu ta' darba mis-sala tal-Kunsill, bla ħlas, lil persuna li tagħti kontribut voluntarju f'ħanut li jagħmel qliegħ għal karità. Dan sabiex isirlu festin ta' sorpriża mill-voluntarji l-oħra. Din it-talba ġiet milqugħa mill-membri preżenti.

16.06.19 Il-Kunsillier (JBD) xtaqet ukoll tkun taf bl-aġġornament fuq każ li l-Kunsill irċieva mingħand avukat fir-rigward ta' Triq Ħajja Ewlenija. Dan il-każ ser jiġi segwiet mill-kunsillier (AC).

## 16.07 Mozzjonijiet

16.07.01 Tressqet b'mozzjoni talba għal permess għal venditur sabiex jarma gabbana fejn l-entratura tal-Freeport. Il-Kunsill għandu jitlob pjanta mingħand l-istess venditur, taż-żona preċiża għat-talba tiegħu. Filwaqt li l-kunsillier (MM) saħqet fuq l-indafa, li jrid ikollu l-bins u li l-boroż taż-żibel irid jeħodhom miegħu fil-ħin tal-għeluq.

16.07.02 Tressqet b'mozzjoni talba għal ħlas ta' tyre ta' vettura li seħqet fi Frar 2019 waqt li s-sewwieq kien għaddej minn Triq Zaren Dalli. Din it-talba ma ġietx milqugħa mill-Kunsill. L-applikant għandu jiġi magħraf bid-deċiżjoni meħuda.

## 16.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.08.01 Il-laqgħa aġġornat fid-disgħa nieqes kwart ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jiltaqa' nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu 2020 fis-sitta ta' filgħaxija ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| --- | --- |
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Aġent, Segretarju Eżekuttiv |

*Proponent – Sur Scott Camilleri (Viċi Sindku),
*Sekondat – Sur Sandro Alex Caruana (Kunsillier)